2025/1953

3.12.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/1953

tad-29 ta' Settembru 2025

li jemenda l-Annessi VII, VIII, XI u XIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 fir-rigward ta' miżuri kontra d-dħul u l-preżenza fit-territorju tal-Unjoni ta' *Anoplophora glabripennis* (Motschulsky) u *Anoplophora chinensis* (Forster)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE u 2007/33/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 41(3), l-ewwel subparagrafu, u l-Artikoli 72(2) u 79(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2016/2031 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072 ([2]) issostitwew id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE ([3]) dwar il-miżuri protettivi kontra organiżmi ta' ħsara għall-pjanti. Huma aġġornaw u elaboraw aktar ir-regoli rispettivi dwar il-miżuri protettivi kontra l-pesti tal-pjanti.

(2) B'mod aktar speċifiku, l-Anness VII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 jistabbilixxi lista ta' pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra, li joriġinaw minn pajjiżi terzi, u r-rekwiżiti speċjali korrispondenti biex dawn jiddaħħlu fit-territorju tal-Unjoni. L-Anness VIII ta' dak ir-Regolament jistabbilixxi lista ta' pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra, li joriġinaw mit-territorju tal-Unjoni u r-rekwiżiti speċjali korrispondenti tagħhom għall-moviment fit-territorju tal-Unjoni. L-Anness XI ta' dak ir-Regolament jistabbilixxi lista ta' pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra soġġetti għal ċertifikati fitosanitarji u dawk li ma għandhomx bżonn dawn iċ-ċertifikati biex jiddaħħlu fit-territorju tal-Unjoni. L-Anness XIII ta' dak ir-Regolament jelenka l-pjanti, il-prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra li jeħtieġu passaport tal-pjanti għall-moviment tagħhom fit-territorju tal-Unjoni.

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2095 ([4]) jistabbilixxi miżuri għall-prevenzjoni tal-introduzzjoni, tal-istabbiliment u tat-tixrid fit-territorju tal-Unjoni tal-*Anoplophora chinensis* (Forster). Dan jinkludi rekwiżiti li jikkonċernaw l-introduzzjoni u l-moviment fl-Unjoni ta' ċerti pjanti u prodotti mill-pjanti.

(4) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/893 ([5]) tistabbilixxi miżuri għall-prevenzjoni tal-introduzzjoni u tat-tixrid fl-Unjoni tal-*Anoplophora glabripennis* (Motschulsky). Din tħassret bir-Regolament ta'

([1]) ĠU L 317, 23.11.2016, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/2031/oj.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072 tat-28 ta' Novembru 2019 li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-miżuri protettivi kontra l-pesti tal-pjanti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 690/2008 u jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2019 (ĠU L 319, 10.12.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2019/2072/oj).

([3]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-pjanti jew prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità (ĠU L 169, 10.7.2000, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2000/29/oj).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2095 tat-28 ta' Ottubru 2022 li jistabbilixxi miżuri għall-prevenzjoni tal-introduzzjoni, l-istabbiliment u t-tixrid fit-territorju tal-Unjoni ta' *Anoplophora chinensis* (Forster) u li jħassar id-Deċiżjoni 2012/138/UE (ĠU L 281, 31.10.2022, p. 53, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2022/2095/oj).

([5]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/893 tad-9 ta' Ġunju 2015 dwar miżuri biex l-*Anoplophora glabripennis* (Motschulsky) ma jiddaħħalx fl-Unjoni u ma jinxteridx fi ħdanha (ĠU L 146, 11.6.2015, p. 16, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2015/893/oj).

Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1952 ([6]) li jistabbilixxi miżuri li jikkonċernaw l-eradikazzjoni tal-*Anoplophora glabripennis* (Motschulsky) mit-territorju tal-Unjoni.

(5) L-applikazzjoni tal-biċċa l-kbira tal-miżuri stabbiliti skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/2095 u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/893 uriet li hija effettiva fit-tnaqqis tar-riskju ta' dawk il-pesti għal livell aċċettabbli.

(6) Jixraq, għal raġunijiet ta' konsistenza u ċertezza legali, li dawk il-miżuri jiġu inklużi, fejn meħtieġ, f'forma aġġornata, fl-Annessi VII, VIII, XI u XIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 bħala rekwiżiti dwar l-introduzzjoni u l-moviment fl-Unjoni, ta' pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra li jistgħu jospitaw l-*Anoplophora glabripennis* (Motschulsky) jew l-*Anoplophora chinensis* (Forster).

(7) F'din il-perspettiva, jenħtieġ li jiżdiedu entrati ġodda, b'rabta mal-*Anoplophora glabripennis* (Motschulsky) u l-*Anoplophora chinensis* (Forster), mal-Anness VII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 dwar il-pjanti għat-tħawwil u l-injam fil-forma ta' laqx, partikoli, ċana, skart u fdalijiet tal-injam ta' ċerti speċijiet, injam ta' ċerti speċijiet għajr dik il-forma, u materjal tal-injam għall-imballaġġ ta' ċerti speċijiet.

(8) Abbażi tas-sejbiet tal-*Anoplophora chinensis* fl-Unjoni, l-ambitu tal-pjanti ospitanti ta' dak il-pest jenħtieġ li jiġi estiż biex ikopri mhux biss l-*Aesculus hippocastanum*, iżda l-ispeċijiet kollha tal-*Aesculus*.

(9) Madankollu, abbażi tal-esperjenza fl-Unjoni, l-ambitu tal-pjanti ospitanti tal-*Anoplophora glabripennis* jenħtieġ li jitnaqqas għall-ispeċijiet li dwarhom ikunu nstabu s-sejbiet jew is-sintomi ta' dak il-pest.

(10) Sabiex jiġi żgurat approċċ proporzjonat għar-riskju fitosanitarju rispettiv u biex tiġi ggarantita ċ-ċarezza legali, jenħtieġ li r-rekwiżiti speċjali tal-Anness VII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 relatati mal-pjanti, mal-prodotti mill-pjanti u ma' oġġetti oħra li jistgħu jospitaw l-*Anoplophora glabripennis* ikunu applikabbli biss għal dawk il-pajjiżi terzi, fejn dak il-pest ikun magħruf li huwa preżenti. Dawk il-pajjiżi jenħtieġ li jiġu elenkati fl-Anness VII.

(11) L-Artikolu 10(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/2095, kif ukoll l-Anness II, 2.A.(1)(c) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/893 jirrikjedu li qabel il-moviment tal-pjanti speċifikati fl-Unjoni, il-pjanti jkunu tkabbru f'sit fejn, *inter alia*, isir kampjunar distruttiv immirat fuq kull lott ta' pjanti speċifikati. Skont dawn id-dispożizzjonijiet, dak il-kampjunar distruttiv immirat għandu jitwettaq f'livelli speċifiċi stabbiliti f'dawk l-atti legali.

(12) L-esperjenza wriet matul l-applikazzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/2095, u matul l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/893, li l-livelli stabbiliti ta' kampjunar distruttiv ta' pjanti speċifikati huma għoljin b'mod sproporzjonat, minħabba li jwasslu għall-eradikazzjoni ta' għadd kbir bla bżonn ta' pjanti, mingħajr ma jżidu b'mod korrispondenti l-livell ta' fiduċja tal-kampjunar.

(13) Għal dik ir-raġuni, jenħtieġ li dawk ir-rekwiżiti dwar il-kampjunar distruttiv jitneħħew, peress li huwa biżżejjed li jkun meħtieġ li l-iskema ta' kampjunar rispettiva użata għall-ispezzjoni tkun tista' tidentifika b'livell ta' fiduċja ta' mill-inqas 99 %, livell ta' preżenza ta' pjanti infestati ta' 1 %.

(14) Il-kodiċijiet NM elenkati fl-Anness VII u fl-Anness XI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 jenħtieġ li jiġu emendati biex jirriflettu l-aktar emenda reċenti tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ([7]).

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1952 tad-29 ta' Settembru 2025 dwar miżuri għall-prevenzjoni tal-istabbiliment u t-tixrid fit-territorju tal-Unjoni tal-Anoplophora glabripennis (Motschulsky) u għall-qerda u t-trażżin ta' dak il-pest f'ċerti żoni demarkati u li jħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/893 (ĠU L, 2025/1952, 3.12.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/1952/oj).

([7]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju, 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1987/2658/oj).

(15) Barra minn hekk, jenħtieġ li jiżdiedu entrati oħra fl-Anness VIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 dwar il-pjanti, l-injam u l-materjal tal-injam għall-imballaġġ ta' ċerti speċijiet, li jkunu baqgħu għal ftit żmien f'żona demarkata għat-trażżin, stabbilita skont l-Artikolu 5 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1952 u l-Artikolu 5 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/2095. Dan huwa meħtieġ biex jiġi żgurat li l-moviment ta' dawk il-komoditajiet minn żoni fejn dak il-pest huwa stabbilit lejn il-bqija tal-Unjoni ma jippreżentax riskju fitosanitarju inaċċettabbli.

(16) Fl-Anness XI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072, il-Parti A, fil-punt 3, ir-referenza għal "*Alnus* L., *Carpinus* L., *Cercidiphyllum* Siebold & Zucc., *Corylus* L., *Fagus* L., *Koelreuteri*a Laxm., *Platanus* L., *Tilia* spp." jenħtieġ li tiġi eskluża, minħabba li ntwera li dawn l-ispeċijiet mhumiex il-pjanti ospitanti favoriti tal-*Anoplophora glabripennis* (Motschulsky) u għalhekk joħolqu riskju fitosanitarju aktar baxx.

(17) Ċerti tipi ta' injam jenħtieġ li jiżdiedu wkoll mal-lista li tinsab fl-Anness XIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072, minħabba li huwa meħtieġ passaport tal-pjanti għall-moviment tagħhom fl-Unjoni, u b'hekk tiġi attestata l-konformità mar-rekwiżiti speċjali rispettivi stabbiliti fl-Anness VIII ta' dak ir-Regolament.

(18) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 jiġi emendat kif xieraq.

(19) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emenda tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072

L-Annessi VII, VIII, XI u XIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Settembru 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

1. L-Anness VII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punti 32.8 u 32.9 li ġejjin jiddaħħlu wara l-punt 32.7:

"32.8	Pjanti għat-thawwil, li għandhom dijametru taz-zokk ta' 1 cm jew aktar fl-eħxen punt tagħhom, ta' *Acer* spp., *Aesculus* spp., *Betula* spp., *Fraxinus* spp., *Populus* spp., *Salix* spp. u *Ulmus* spp.	**ex 0602 10 90** **ex 0602 20 20** **ex 0602 20 80** **ex 0602 90 41** **ex 0602 90 45** **ex 0602 90 46** **ex 0602 90 48** **ex 0602 90 50** **ex 0602 90 70** **ex 0602 90 99**	Iċ-Ċina, il-Ġappun, il-Korea ta' Fuq, il-Libanu, il-Korea t'Isfel, l-Iżvizzera, l-Istati Uniti	Dikjarazzjoni uffiċjali li l-pjanti: (a) joriġinaw minn żona stabbilita bħala ħielsa mill-*Anoplophora glabripennis* (Motschulsky), mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti fil-pajjiż tal-oriġini, f'konformità mal-Istandard Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji ISPM 4 (*). Iż-żona ħielsa mill-pesti għandha tissemma fiċ-ċertifikat fitosanitarju taħt ir-rubrika "Post tal-oriġini", dment li dan l-istatus ta' ħelsien ikun ġie kkomunikat minn qabel u bil-miktub lill-Kummissjoni mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti tal-pajjiż tal-oriġini; jew (b) ikunu tkabbru għal perjodu ta' mill-inqas sentejn qabel l-esportazzjoni, jew fil-każ ta' pjanti li għandhom inqas minn sentejn, li jkunu tkabbru tul ħajjithom kollha f'post tal-produzzjoni: (i) stabbilit bħala ħieles mill-*Anoplophora glabripennis* (Motschulsky) f'konformità mal-ISPM 10 (**); (ii) soġġett għal mill-inqas żewġ spezzjonijiet uffiċjali għal kull sinjal ta' *Anoplophora glabripennis* (Motschulsky), li jitwettqu fi żminijiet xierqa, u ma jkun instab l-ebda sinjal tal-pest; (iii) fejn il-pjanti jkunu tkabbru f'sit: — b'iżolament fiżiku kontra l-introduzzjoni tal-*Anoplophora glabripennis* (Motschulsky), jew — bl-applikazzjoni ta' trattamenti preventivi xierqa u mdawwar b'żona ta' lqugħ b'wisa' ta' mill-inqas 1 km, fejn jitwettqu stħarriġiet uffiċjali għall-preżenza jew għas-sinjali tal-*Anoplophora glabripennis* (Motschulsky) kull sena fi żminijiet xierqa; u

				(iv) fejn immedjatament qabel l-esportazzjoni, il-kunsinni kollha tal-pjanti jkunu soġġetti għal spezzjoni uffiċjali għall-preżenza tal-*Anoplophora glabripennis* (Motschulsky), b'mod partikolari fl-fergħat u fiz-zkuk, inkluż kampjunar distruttiv immirat; jew (c) tkabbru minn pjanti salvaġġi li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-punt (b), tlaqqmu bi brokki u l-pjanti mlaqqma ġew spezzjonati f'konformità mal-punt (b)(iv). Id-daqs tal-kampjun għall-ispezzjoni msemmija fil-punt (b)(iv), għandu jkun tali li jippermetti mill-inqas id-detezzjoni ta' livell ta' 1 % ta' infestazzjoni b'livell ta' fiduċja ta' 99 %.
32.9	Pjanti għat-thawwil, li għandhom dijametru taz-zokk ta' 1 cm jew aktar fl-eħxen punt tagħhom, ta' *Acer* spp., *Aesculus* spp., *Alnus* spp., *Betula* spp., *Carpinus* spp., *Citrus* spp., *Cornus* spp., *Corylus* spp., *Cotoneaster* spp., *Crataegus* spp., *Fagus* spp., *Lagerstroemia* spp., *Malus* spp., *Melia* spp., *Ostrya* spp., *Photinia* spp., *Platanus* spp., *Populus* spp., *Prunus laurocerasus*, *Pyrus* spp., *Rosa* spp., *Salix* spp., *Ulmus* spp. u *Vaccinium corymbosum*	**ex 0602 10 90** **ex 0602 20 20** **ex 0602 20 30** **ex 0602 20 80** **ex 0602 40 00** **ex 0602 90 41** **ex 0602 90 45** **ex 0602 90 46** **ex 0602 90 47** **ex 0602 90 48** **ex 0602 90 50** **ex 0602 90 70** **ex 0602 90 91** **ex 0602 90 99**	Il-pajjiżi terzi kollha	Dikjarazzjoni uffiċjali li l-pjanti: (a) joriġinaw minn pajjiż rikonoxxut bħala ħieles mill-*Anoplophora chinensis* (Forster) f'konformità mal-Istandard Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji ISPM4, dment li l-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti tal-pajjiż terz ikkonċernat tkun ikkomunikat dan l-istatus ta' ħelsien minn qabel u bil-miktub lill-Kummissjoni; jew (b) joriġinaw minn żona stabbilita bħala ħielsa mill-*Anoplophora chinensis* (Forster), mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti fil-pajjiż tal-oriġini, f'konformità mal-Istandard Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji ISPM 4 (*). Iż-żona ħielsa mill-pesti għandha tissemma fiċ-ċertifikat fitosanitarju taħt ir-rubrika "Post tal-oriġini", dment li dan l-istatus ta' ħelsien ikun ġie kkomunikat minn qabel u bil-miktub lill-Kummissjoni mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti tal-pajjiż tal-oriġini kkonċernat; jew

				(c) ikunu tkabbru għal perjodu ta' mill-inqas sentejn qabel l-esportazzjoni, jew fil-każ ta' pjanti li għandhom inqas minn sentejn, li jkunu tkabbru tul ħajjithom kollha f'post tal-produzzjoni: (i) stabbilit bħala ħieles mill-*Anoplophora chinensis* (Forster) f'konformità mal-ISPM 10; (ii) soġġett għal mill-inqas żewġ spezzjonijiet uffiċjali għal kull sinjal ta' *Anoplophora chinensis* (Forster), li jitwettqu fi żminijiet xierqa, u ma jkun nstab l-ebda sinjal tal-pest; (iii) fejn il-pjanti jkunu tkabbru f'sit: — b'iżolament fiżiku kontra l-introduzzjoni tal-*Anoplophora chinensis* (Forster), jew — bl-applikazzjoni ta' trattamenti preventivi xierqa u mdawwar b'żona ta' lqugħ b'wisa' ta' mill-inqas 1 km, fejn jitwettqu stħarriġiet uffiċjali għall-preżenza jew għas-sinjali tal-*Anoplophora chinensis* (Forster) kull sena fi żminijiet xierqa; u (iv) fejn immedjatament qabel l-esportazzjoni, il-kunsinni tal-pjanti jkunu ġew soġġetti għal spezzjoni uffiċjali għall-preżenza tal-*Anoplophora chinensis* (Forster), b'mod partikolari fl-għeruq u fiz-zkuk, inkluż kampjunar distruttiv immirat; jew (d) tkabbru minn pjanti salvaġġi li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-punt (c), tlaqqmu bi brokki u l-pjanti mlaqqma ġew spezzjonati f'konformità mal-punt (c)(iv). Id-daqs tal-kampjun għall-ispezzjoni msemmija fil-punt (c)(iv), għandu jkun tali li jippermetti mill-inqas id-detezzjoni ta' livell ta' 1 % ta' infestazzjoni b'livell ta' fiduċja ta' 99 %.

(*) ISPM 4 Rekwiżiti għall-istabbiliment ta' żoni ħielsa mill-pesti, IPPC, FAO, 1995.
(**) ISPM 10 Rekwiżiti għat-twaqqif ta' postijiet ta' produzzjoni u siti ta' produzzjoni ħielsa mill-pesti, IPPC, FAO, 1999."

(b) jiżdiedu l-punti 114 u 115 li ġejjin:

"114.	Injam ta' *Acer* spp., *Aesculus* spp., *Betula* spp., *Fraxinus* spp., *Populus* spp., *Salix* spp., u *Ulmus* spp., għajr fil-forma ta': — laqx, partikoli, ċana, serratura, skart u fdalijiet tal-injam, miksub kollu jew parzjalment minn dawn il-pjanti; — materjal tal-injam għall-imballaġġ, fil-forma ta' kaxex għall-ġarr, kaxex, ċestuni, btieti u kontenituri simili, pallets, pallets bil-kaxxa u twavel oħra għat-tagħbija, għenuq tal-pallets, dunnage, kemm jekk effettivament jintużaw fit-trasport ta' oġġetti ta' kull tip u kemm jekk le, minbarra d-dunnage li jirfed il-kunsinni tal-injam, li jkun mibni mill-istess tip u kwalità ta' injam bħall-injam fil-kunsinni, u li jissodisfa l-istess rekwiżiti fitosanitarji tal-Unjoni bħall-injam fil-kunsinna, iżda inkluż dak li ma jkunx żamm is-superfiċje tonda naturali tiegħu	**ex 4401 12 00** **ex 4403 12 00** **4403 95 10** **4403 95 90** **4403 96 00** **4403 97 00** **ex 4403 99 00** **ex 4404 20 00** **ex 4406 12 00** **ex 4406 92 00** **4407 93 10** **4407 93 91** **4407 93 99** **4407 95 10** **4407 95 91** **4407 95 99** **4407 96 10** **4407 96 91** **4407 96 99** **4407 97 10** **4407 97 91** **4407 97 99** **ex 4407 99 27** **ex 4407 99 40** **ex 4407 99 90** **ex 4409 29 91** **ex 4409 29 99** **ex 4416 00 00** **ex 9406 10 00**	Iċ-Ċina, il-Ġappun, il-Libanu, il-Korea ta' Fuq, il-Korea t'Isfel, l-Iżvizzera, l-Istati Uniti	Dikjarazzjoni uffiċjali li l-injam: (a) joriġina minn żona stabbilita bħala ħielsa mill-*Anoplophora glabripennis* (Motschulsky), mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti fil-pajjiż tal-oriġini, f'konformità mal-Istandard Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji ISPM 4(*). Iż-żona ħielsa mill-pesti għandha tissemma fiċ-ċertifikat fitosanitarju taħt ir-rubrika "Post tal-oriġini", dment li dan l-istatus ta' ħelsien ikun ġie kkomunikat minn qabel u bil-miktub lill-Kummissjoni mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti tal-pajjiż tal-oriġini; jew (b) tneħħietlu l-qoxra u sarlu trattament xieraq bis-sħana biex tinkiseb temperatura minima ta' 56 °C għal mill-inqas 30 minuta kontinwi tul il-profil kollu tal-injam (inkluż fil-qalba tiegħu), li għandu jiġi indikat fiċ-ċertifikat fitosanitarju, u l-marka "HT" titqiegħed fuq l-injam jew fuq kull materjal tat-tgeżwir f'konformità mal-użu attwali.
115.	Injam fil-forma ta' laqx, partikoli, ċana, skart u fdalijiet tal-injam miksub kollu jew parzjalment minn *Acer* spp., *Aesculus* spp., *Betula* spp., *Fraxinus* spp., *Populus* spp., *Salix* spp. u *Ulmus* spp.	**ex 4401 22 90** **ex 4401 49 90** **ex 4401 49 10**	Iċ-Ċina, il-Ġappun, il-Libanu, il-Korea ta' Fuq, il-Korea t'Isfel, l-Iżvizzera, l-Istati Uniti	Dikjarazzjoni uffiċjali li l-injam: (a) joriġina minn żona stabbilita bħala ħielsa mill-*Anoplophora glabripennis* (Motschulsky), mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti fil-pajjiż tal-oriġini, f'konformità mal-Istandard Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji ISPM

				4(*). Iż-żona ħielsa mill-pesti għandha tissemma fiċ-ċertifikat fitosanitarju taħt ir-rubrika "Post tal-oriġini", dment li dan l-istatus ta' ħelsien ikun ġie kkomunikat minn qabel u bil-miktub lill-Kummissjoni mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti tal-pajjiż tal-oriġini; jew (b) tneħħietlu l-qoxra u sarlu trattament xieraq bis-sħana biex tinkiseb temperatura minima ta' 56 °C għal mill-inqas 30 minuta kontinwi tul il-profil kollu tal-injam (inkluż fil-qalba tiegħu), u dan irid jiġi indikat fiċ-ċertifikat fitosanitarju; jew (c) ġie pproċessat f'biċċiet bi ħxuna u wisa' ta' mhux aktar minn 2,5 cm."

2. L-Anness VIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punti 17.2 u 17.3 li ġejjin jiddaħħlu wara l-punt 17.1:

"17.2	Pjanti għat-tħawwil li għandhom dijametru taz-zokk ta' 1 cm jew aktar fl-eħxen punt tagħhom, ta' *Acer* spp., *Aesculus* spp., *Betula* spp., *Fraxinus* spp., *Populus* spp., *Salix* spp., u *Ulmus* spp., li joriġinaw minn żona demarkata stabbilita skont l-Artikolu 5 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1952 jew introdotti f'post tal-produzzjoni f'żona bħal din	Stqarrija uffiċjali li l-pjanti tkabbru għal mill-inqas sentejn qabel il-moviment, jew fil-każ ta' pjanti li għandhom inqas minn sentejn, matul ħajjithom, f'post tal-produzzjoni li jissodisfa r-rekwiżiti kollha li ġejjin: (a) ikun ġie soġġett għal mill-inqas żewġ spezzjonijiet uffiċjali kull sena għal kwalunkwe sinjal tal-*Anoplophora glabripennis* (Motschulsky) imwettqa fi żminijiet xierqa, u ma jkun instab l-ebda sinjal bħal dan, inkluż fejn xieraq kampjunar distruttiv immirat fuq iz-zkuk u l-fergħat tal-pjanti, u (b) fejn il-pjanti jkunu tkabbru f'sit: (i) b'iżolament fiżiku kontra l-introduzzjoni tal-*Anoplophora glabripennis* (Motschulsky); jew (ii) fejn ikunu saru stħarriġiet uffiċjali għall-preżenza jew għas-sinjali tal-*Anoplophora glabripennis* (Motschulsky) kull sena f'wisa' ta' mill-inqas 1 km madwar is-sit fi żminijiet xierqa, u ma jkunu nstabu l-ebda *Anoplophora glabripennis* (Motschulsky) jew sinjali tiegħu u fejn: (iii) — ikunu ġew applikati trattamenti preventivi; jew — twettaq kampjunar distruttiv immirat fuq kull lott qabel il-moviment, inkluż kampjunar distruttiv immirat tal-fergħat u taz-zkuk tal-pjanti.

		Id-daqs tal-kampjun għall-ispezzjoni skont il-punt (a) kien tali li jippermetti mill-inqas id-detezzjoni ta' livell ta' 1 % ta' infestazzjoni b'livell ta' fiduċja ta' 99 %; Pjanti salvaġġi li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-punti (a) u (b) jistgħu jitlaqqmu bi brokki, li ma jkunux tkabbru skont dawn il-kundizzjonijiet, iżda li ma jkollhomx dijametru akbar minn 1 cm fl-eħxen punt tagħhom.
17.3	Pjanti għat-tħawwil, li għandhom dijametru taz-zokk ta' 1 cm jew aktar fl-eħxen punt tagħhom, ta' *Acer* spp., *Aesculus* spp., *Alnus* spp., *Betula* spp., *Carpinus* spp., *Citrus* spp., *Cornus* spp., *Corylus* spp., *Cotoneaster* spp., *Crataegus* spp., *Fagus* spp., *Lagerstroemia* spp., *Malus* spp., *Melia* spp., *Ostrya* spp., *Photinia* spp., *Platanus* spp., *Populus* spp., *Prunus laurocerasus*, *Pyrus* spp., *Rosa* spp., *Salix* spp., *Ulmus* spp. u *Vaccinium corymbosum*, li joriġinaw minn żona demarkata stabbilita skont l-Artikolu 5 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2095 (*) jew introdotti f'post tal-produzzjoni f'żona bħal din	Stqarrija uffiċjali li l-pjanti tkabbru għal mill-inqas sentejn qabel il-moviment, jew fil-każ ta' pjanti li għandhom inqas minn sentejn, matul ħajjithom, f'post tal-produzzjoni li jissodisfa r-rekwiżiti kollha li ġejjin: (a) ikun ġie soġġett għal mill-inqas żewġ spezzjonijiet uffiċjali kull sena għal kwalunkwe sinjal tal-*Anoplophora chinensis* (Forster) imwettqa fi żminijiet xierqa, u ma jkun instab l-ebda sinjal bħal dan, inkluż fejn xieraq kampjunar distruttiv immirat fuq l-għeruq u z-zkuk tal-pjanti, u (b) fejn il-pjanti jkunu tkabbru f'sit: (i) b'iżolament fiżiku kontra l-introduzzjoni tal-*Anoplophora chinensis* (Forster); jew (ii) fejn ikunu saru stħarriġiet uffiċjali għall-preżenza jew għas-sinjali tal-*Anoplophora chinensis* (Forster) kull sena f'wisa' ta' mill-inqas 1 km madwar is-sit fi żminijiet xierqa, u ma jkunu nstabu l-ebda *Anoplophora chinensis* (Forster) jew sinjali tiegħu; u (iii) — fejn ikunu ġew applikati trattamenti preventivi; jew — fejn ikun twettaq kampjunar distruttiv immirat fuq kull lott qabel il-moviment, inkluż kampjunar distruttiv immirat tal-għeruq u taz-zkuk tal-pjanti. Id-daqs tal-kampjun għall-ispezzjoni skont il-punt (a) kien tali li jippermetti mill-inqas id-detezzjoni ta' livell ta' 1 % ta' infestazzjoni b'livell ta' fiduċja ta' 99 %; Pjanti salvaġġi li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-punti (a) u (b) jistgħu jitlaqqmu bi brokki, li ma jkunux tkabbru skont dawn il-kundizzjonijiet, iżda li ma jkollhomx dijametru akbar minn 1 cm fl-eħxen punt tagħhom.

(*) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2095 tat-28 ta' Ottubru 2022 li jistabbilixxi miżuri għall-prevenzjoni tal-introduzzjoni, l-istabbiliment u t-tixrid fit-territorju tal-Unjoni ta' Anoplophora chinensis (Forster) u li jħassar id-Deċiżjoni 2012/138/UE (ĠU L 281, 31.10.2022, p. 53, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2022/2095/oj)."

(b) jiżdiedu l-punti minn 30 sa 32 li ġejjin:

"30.	Injam ta' *Acer* spp., *Aesculus* spp., *Betula* spp., *Fraxinus* spp., *Populus* spp., *Salix* spp. u *Ulmus* spp., li joriġina minn żoni demarkati stabbiliti skont l-Artikolu 5 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1952 jew li ma joriġinax minnu iżda jkun ġie introdott f'dawk iż-żoni demarkati, għajr fil-forma ta': — laqx, partikoli, ċana, skart u fdalijiet tal-injam, miksub kollu jew parzjalment minn dawn il-pjanti; — materjal tal-injam għall-imballaġġ, fil-forma ta' kaxex għall-ġarr, kaxex, ċestuni, btieti u kontenituri simili, pallets, pallets bil-kaxxa u twavel oħra għat-tagħbija, għenuq tal-pallets, dunnage, kemm jekk effettivament jintużaw fit-trasport ta' oġġetti ta' kull tip u kemm jekk le, minbarra d-dunnage li jirfed il-kunsinni tal-injam, li jkun mibni mill-istess tip u kwalità ta' injam bħall-injam fil-kunsinni, u li jissodisfa l-istess rekwiżiti fitosanitarji tal-Unjoni bħall-injam fil-kunsinna, iżda inkluż dak li ma jkunx żamm is-superfiċje tonda naturali tiegħu.	Dikjarazzjoni uffiċjali li l-injam: (a) tneħħietlu l-qoxra; u (b) għadda minn trattament xieraq bis-sħana biex tinkiseb temperatura minima ta' 56 °C għal mill-inqas 30 minuta kontinwi tul il-profil kollu tal-injam; inkluż fil-qalba tiegħu, u indikat bil-marka "HT" imqiegħda fuq l-injam jew fuq kull materjal tat-tgeżwir f'konformità mal-użu attwali.
31.	Injam fil-forma ta' laqx, partikoli, ċana, skart u fdalijiet tal-injam miksub kollu jew parzjalment minn *Acer* spp., *Aesculus* spp., *Betula* spp., *Fraxinus* spp., *Populus* spp., *Salix* spp. u *Ulmus* spp., li joriġina minn żona demarkata stabbilita skont l-Artikolu 5 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1952	Dikjarazzjoni uffiċjali li l-injam: (a) tkun tneħħietlu l-qoxra u jkun sarlu trattament xieraq bis-sħana biex tinkiseb temperatura minima ta' 56 °C għal mill-inqas 30 minuta kontinwi fuq il-profil kollu tal-injam (inkluż fil-qalba tiegħu); jew (b) ikun ġie pproċessat f'biċċiet bi ħxuna u wisa' ta' mhux iktar minn 2,5 cm.
32.	Materjal tal-injam għall-imballaġġ ta' *Acer* spp., *Aesculus* spp., *Betula* spp., *Fraxinus* spp., *Populus* spp., *Salix* spp. u *Ulmus* spp. li joriġina minn żona demarkata stabbilita skont l-Artikolu 5 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1952	Il-materjal tal-injam għall-imballaġġ: (a) ikun magħmul minn injam li tkun tneħħietlu qoxra, kif speċifikat fl-Anness I tal-Istandard Internazzjonali tal-FAO għall-Miżuri Fitosanitarji Nru 15 dwar ir-Regolamentazzjoni tal-materjal tal-injam għall-imballaġġ fil-kummerċ internazzjonali, u jkun ġie soġġett għal wieħed mit-trattamenti approvati kif speċifikat fl-Anness I ta' dak l-Istandard Internazzjonali, u (b) ikollu marka kif speċifikata fl-Anness II ta' dak l-Istandard Internazzjonali, li tindika li l-materjal tal-injam għall-imballaġġ ikun ġie soġġett għal trattament fitosanitarju approvat f'konformità ma' dan l-istandard."

3. Fl-Anness XI, il-Parti A, il-punt 12 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072, l-entrata "*Acer* L., *Aesculus* L., *Alnus* L., *Betula* L., *Carpinus* L., *Cercidiphyllum* Siebold & Zucc., *Corylus* L., *Fagus* L., *Fraxinus* L., *Koelreuteria* Laxm., *Platanus* L., *Populus* L., *Salix* L., *Tilia* L. u *Ulmus* L., …" hija sostitwita b'dan li ġej:

"*Acer* L., *Aesculus* L., *Betula* L., *Fraxinus* L., *Populus* L., *Salix* L. u *Ulmus* L., inkluż l-injam li ma jkunx żamm is-superfiċje tonda naturali tiegħu	Ħatab, f'forma ta' zkuk, zkuk ħoxnin, friegħi, qatet ta' għesieleġ jew forom simili; injam f'laqx jew partikoli; serratura u skart u fdalijiet tal-injam, kemm jekk magħqudin fi zkuk, briquettes, pellets jew forom simili u kemm jekk le: – Ħatab, f'forma ta' zkuk, zkuk ħoxnin, friegħi, qatet ta' għesieleġ jew forom simili: – – Mhux koniferu: **ex 4401 12 00** – Injam f'laqx jew partikoli: – – Mhux koniferu: – – – Oħrajn (għajr tal-ewkaliptu (Eucalyptus spp.)): **ex 4401 22 90** – Skart u fdalijiet tal-injam, mhux agglomerati: – – – Qoxra u skart, fdalijiet, rifjuti u residwi tal-produzzjoni: **ex 4401 49 10** – – – Oħrajn: **ex 4401 49 90** Injam għadu aħrax, bil-qoxra jew bl-ilbieba mhux mneħħija, jew magħmul kwadru raff: – Trattat biż-żebgħa, b'likwidi għat-tlewwin, bil-kreożit jew preservattivi oħrajn: – Mhux koniferu: **ex 4403 12 00** Injam għadu aħrax, kemm jekk bil-qoxra jew bl-ilbieba mneħħija u kemm jekk le, jew magħmul kwadru raff: – Għajr ittrattat biż-żebgħa, b'likwidi għat-tlewwin tal-injam, bil-kreożit jew bi preservattivi oħrajn: – – Tal-betula (*Betula* spp.): **4403 95 10** **4403 95 90** **4403 96 00** – – Tal-luq (*Populus* spp.): **4403 97 00** – – Ta' oħrajn: **ex 4403 99 00** Arbli maqsumin; puntali, pali u bsaten tal-injam, bil-ponta iżda mhux isserrati mit-tul: – Mhux koniferu: **ex 4404 20 00**	Iċ-Ċina, il-Ġappun, il-Libanu, il-Korea ta' Fuq, il-Korea t'Isfel, l-Iżvizzera, l-Istati Uniti"

	Traversi (cross-ties) tal-injam għal-linji tal-ferrovija jew tat-tramm: – – Mhux mgħaddsa: – – Mhux koniferu: **ex 4406 12 00** – Oħrajn (għajr mhux mgħaddsa): – – Mhux koniferu: **ex 4406 92 00** Injam isserrat jew imlaqqax mit-tul, imfellel jew imqaxxar, inċanat jew le, xkatlat jew imminċottat fit-truf, ta' ħxuna li taqbeż is-6 mm: – – Tal-aġġru (*Acer* spp.): **4407 93 10** **4407 93 91** **4407 93 99** – – Tal-Fraxxnu (*Fraxinus* spp.): **4407 95 10** **4407 95 91** **4407 95 99** – – Tal-betula (*Betula* spp.): **4407 96 10** **4407 96 91** **4407 96 99** – – Tal-luq (*Populus* spp.): **4407 97 10** **4407 97 91** **4407 97 99** – – Ta' oħrajn: **ex 4407 99 27** **ex 4407 99 40** **ex 4407 99 90** Folji għall-fuljetta (inklużi dawk magħmulin bit-tiflil ta' injam laminat), għall-plywood jew għal injam simili laminat u injam ieħor, isserrat mit-tul, imfellel jew imqaxxar, inċanat, xkatlat, impalellat jew bit-truf ġonġuti, ta' ħxuna li ma taqbiżx is-6 mm: **ex 4408 90 15** **ex 4408 90 35** **ex 4408 90 95** Injam (inklużi strixxi u freġji għal kisi ta' art bil-parquet, mhux assemblati) iffurmat b'mod kontinwu (bil-mudulluni, bil-gruvijiet, irbattut, iċċanfrinat, ingastat-V, bil-gula, iffurmat, inturnjat jew simili) tul xi xifer, tarf jew wiċċ tiegħu, inċanat, xkatlat jew bit-truf ġonġuti jew le: – – – Mhux koniferu, oħrajn: **ex 4409 29 91** **ex 4409 29 99** Btieti, ċilindri, vats, tnelli u prodotti oħrajn ta' buttar u partijiet tagħhom, tal-injam, inklużi l-injam imqawwes (staves): **ex 4416 00 00** Bini prefabbrikat tal-injam: **ex 9406 10 00**	

4. Fl-Anness XIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072, il-punti 4.2 u 4.3 li ġejjin jiddaħħlu wara l-punt 4.1.:

"4.2. Injam, għajr fil-forma ta' laqx, partikoli, ċana, skart u fdalijiet tal-injam li joriġina minn żoni demarkati jew injam li żamm is-superfiċje tonda naturali tiegħu kollha jew parti minnha li ma joriġinax minn dawk iż-żoni demarkati iżda ġie introdott fihom ta'*Acer* spp., *Aesculus* spp., *Betula* spp., *Fraxinus* spp., *Populus* spp., *Salix* spp. u *Ulmus* spp., kif imsemmi fil-punt 30 tal-Anness VIII.

4.3. Injam fil-forma ta' laqx, partikoli, ċana, skart u fdalijiet tal-injam li joriġina minn żoni demarkati miksub kollu jew parzjalment minn *Acer* spp., *Aesculus* spp., *Betula* spp., *Fraxinus* spp., *Populus* spp., *Salix* spp. u *Ulmus* spp., kif imsemmi fil-punt 31 tal-Anness VIII."